MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 915/2001/1

**Rausi Insurance Agency Limited**

**vs**

**Antoine Vassallo**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta' sebat elef u hames mitt lira (Lm7,500) ghal self ta' flus fl-14 t'Awissu 1998 u fit-23 ta' Dicembru 1998 (Dok "JR 1").

Illi l-konvenut interpellat diversi drabi anke permess ta' ittra ufficjali tat-23 t'Awissu, 2000 dejjem ipprometta li ser ihallas imma baqa' inadempjenti.

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba tal-hlas mitlub.

Illi l-istess socjeta` attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta attrici bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-**artikolu 167** *et sequitur* **tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sebat elef u hames mitt lira (Lm7,500) self ta' flus lil konvenut mis-socjeta' attrici kif fuq spjegat.

BI-imghaxijiet mit-23 t'Awissu, 2000 u l-ispejjez komprizi dawk tal-Mandati ta' Sekwestru, Qbid u tal-Mandat ta' Inibizzjoni prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol.14 tal-process fejn gie eccepiet illi:-

(1) Illi l-ammont ta' (Lm2,200) huwa pacut mill-ammont pretiz mis-societa' attrici skond ftehim li ntlahaq bejn il-kontendenti fis-16 ta' Frar 2001, li permezz tieghu gie miftiehem li l-istess ammont li s-socjeta' attrici kellha thallas lid-debitur tal-konvenut Paul Attard bhala kumpens ghat-telfien tal-karozza tieghu, minflok li jithallas lill-istess Paul Attard ghandu jinzamm mill-istess socjeta' attrici bhala tpacija in parti tal-kreditu dovut lilha.

(2) Illi l-ftehim bejn il-partijiet kien li ma kellu jiddekorri l-ebda imghax.

(3) Illi kif jirrizuita mil-ftehim datat 14 t'Awissu 1998 esebit mis-socjeta` attrici ma sar l-ebda self lill-konvenut. Kull ma sar kien hlas ta' Lm7,500 mis-socjeta` attrici lill-

konvenut mhux bhala self imma kumpensazzjoni ta' Lm7,500 biex tigi *settled insurance claim* in konnessjoni ma' danni sofferti fil-karozza SPI-111 proprjeta` tal-konvenut, li minnhom l-ammont biss ta' Lm5,000 kellu jithallas lura jekk il-konvenut ibiegh l-istess karozza u dan kif tghid car l-istess skrittura.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol.15 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta' Gunju 2001 fejn xehed Antoine Vassallo; tat-13 ta' Novembru 2001 fejn Dr. Paul Gauci Maistre pprezenta nota ta' riduzzjoni *stante* pagament fil-mori tal-kawza. Xehdu Dr John Buttigieg, John Sultana u Joven Rausi;

Rat in-nota tal-konvenuti;

Rat il-verbal tas-seduti tas-16 ta' Jannar 2002; tal-14 ta' Marzu 2002 fejn xehed l-Ispettur Paul Vassallo. Dr gauci Maistre ddikjara li m'ghandux provi aktar; tat-23 ta' Mejju 2002 fejn xehdu l-Ispettur Paul Vassallo, John Sultana, il-konvenut u Joseph Vincent Rausi. Dr Buttigieg iddikjara li m'ghandux provi izjed. Id-difensuri talbu li jaghmlu nota. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' 30 gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 30 gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Novembru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-kawza saret ghax is-socjeta' attrici qed tippretendi li ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta' Lm7,500 ghal self ta' flus fl-14 t'Awissu 1998 u fit-23 ta' Dicembru 1998. Illi min-naha taghha l-konvenut hallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm5,500 u ammetta t-talba

attrici fl-istess ammont bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq il-bilanc tas-sorte.

Illi nfatti l-konvenut eccepixxa illi l-ammont ta' Lm2,200 huwa pacut skond ftehim li ntlahaq bejn il-kontendenti fis-16 ta' Frar 2001, li permezz tieghu gie miftiehem li l-istess ammont li s-socjeta' attrici kellha thallas lid-debitur tal-konvenut Paul Attard bhala kumpens ghat-telfien tal-karozza tieghu, minflok li jithallas lill-istess Paul Attard ghandu jinzamm mill-istess socjeta' attrici bhala tpacija in parti tal-kreditu dovut lilha. *Inoltre* li l-ftehim bejn il-partijiet kien li ma kellu jiddekorri l-ebda imghax. Ukoll eccepixxa illi kif jirrizulta mill-ftehim datat 14 t'Awissu 1998 esebit mis-socjeta' attrici ma sar l-ebda self lill-konvenut. Kulma sar hlas ta' Lm7,500 mis-socjeta' attrici lill-konvenut mhux bhala self imma kompensazzjoni ta' Lm7,500 biex tigi *settled insurance claim* in konnessjoni ma' danni sofferti fil-karozza SPI - 111 proprjeta' tal-konvenut, li minnhom l-ammont biss ta' Lm5,000 kellu jithallas lura jekk il-konvenut ibiegh l-istess karozza u dan kif jinghad fl-istess skrittura.

Illi **Dr John Buttigieg**, l-avukat tal-konvenut Vassallo, xehed li fid-9 ta' Frar 2001 huwa, Antoine Vassallo u s-sur Rausi ltaqghu l-ufficcju ta' Vassallo. Hemmhekk ikkonfermaw l-*agreement* li kienu lahqu bejniethom qabel li bih l-ammont ta' Lm2,200 mill-ammont pretiz ta' Lm7,500 kellu jigi pacut. Hu spjega li certu wiehed Attard kien xtara karozza b'kuntratt ta' *hire-purchase* minghand Vassallo u kien ghadu ma hallashiex liema karozza kienet insterqet. Illi dan Attard mar jaghmel *"claim"* ghand l-*insurance*. L-*insurance* kienet se thallas lil Rausi li kienu se jhallsu lil Vassallo. Jidher li Vassallo kellu jaghti u jiehu u b'hekk ftehmu li l-ammont jigi pacut. Dan hu kkonfermat minn ittra datata 10 ta' Frar 2001 li rcieva (a fol. 46 tal-process).

Illi qabel ma ntlahaq dan il-ftehim, certu John Sultana li jghin fl-amministrazzjoni tal-*business* tal-konvenut Vassallo, mar flimkien ma' Attard ghand Rausi u ffirmaw dikjarazzjoni li tinsab a fol.11 tal-process fejn Attard taha l-awtorizzazzjoni lill-*insurance* biex ihallsu l-ammont ta'

Lm2,200 lil Vassallo. Imbaghad sar il-ftehim ta’ tpacija . sussegwentement, is-sur Rausi kellu nformazzjoni li kien hemm investigazzjoni dwar il-kaz minhabba xi *“insurance fraud”*.

Illi in kontro-ezami qal illi hu ma jafx x’sar mill-karozza hlief li nsterqet. Huwa kien harrek lil Attard biex ihallas il-kambjalitajiet ghal din il-karozza u llum hemm sentenza favur il-konvenut biex jigbru l-flus ghax hu ghadu ma thallasx. Dr. Buttigieg qal li ma jafx li Paul Attard irrevoka l-ftehim ma’ Vassallo.

Illi **John Sultana** xehed li hu *Credit Controller* ta’ Antoine Vassallo. Hu spjega li kien ha lil Paul Attard ghand Rausi Insurance Agency Ltd. ghax kien klijent taghhom. Fl-ufficcju tal-*insurance* saret l-iskrittura a fol. 11 tal-process fejn hemm il-firma tieghu. Din saret mis-sur Tabone, *claims manager*, ta’ Rausi Insurance Agency Ltd. In kontro-ezami qal li hu kien kellem lis-sur Rausi fejn kien intlahaq kompromess biex jpacu dak li kellu jiehu Vassallo u li kellu jiehu Rausi. Saret *claim* u mbaghad arrangament bil-miktub biex Rausi jhallsu lil Vassallo direttament ghall-*claim*. Hu ma jafx x’sar minnha l-karozza – jaf biss li kienet misruqa. In kontro-ezami qal li hu minnu li issa hemm kwistjoni bejn Paul Attard u Antoine Vassallo ghax sakemm saret it-tpaccija, is-sur Rausi sar jaf minn terz li kien hemm investigazzjoni fuq il-kaz u b’hekk allura zamm il-pagament lil Antoine Vassallo.

Illi **Jovin Rausi** kkonferma li kien hemm ftehim li jsir *“set-off”.* Huwa spjega x’wassal ghall-kwistjoni odjerna:- f’Awissu 1998 kien hemm karozza nxurjata *“comprehensive”* ta’ Antoine Vassallo involuta f’incident. It-tort kien ta’ haddiehor. Ippruvaw jigbru minghand haddiehor izda kien hemm dewmien. B’hekk sar arrangament mieghu li jhallsu parti minnha mbaghad tinbiegh il-karozza u jiehdu l-flus lura. Il-karozza damet hafna biex tissewwa u tinbiegh. Sadanittant, inqalghet il-*claim* ta’ Attard u hu qalilna biex ipacu u huma accettaw.

Illi l-ftehim ta’ tpacija sar wara li saret il-*claim* ta’ Attard pero’ huma ma kienux ikkomettew ruhhom ma’ Attard

ghax normalment meta tinsteraq karozza ghandhom *"policy"* li jistennew xahrejn/tlieta. Imbaghad meta jaraw li m'hemmx cans li tinsab ihallsu. Attard qalilhom li kellu jaghti l-flus lil Vassallo u b'hekk ihallsu lilu. Pero' talbuh li jkun hemm tpacija ta' l-ammont li kellu jaghtihom wara xi xahar li ffirma, saru jafu li l-pulizija kienet qed tinvestiga l-kaz. Meta raw hekk iddecidew li ma jhallsux il-*"claim"* ghax jekk jiskopru li kien hemm frodi ma kienux ser ihallsu lil Attard jew Vassallo. L-investigazzjoni tidher ghadha ghaddejja – kif il-pulizija jikkonfermaw li m'hemm xejn suspettuz ikunu f'pozizzjoni li jhallsu. Il-ftehim ta' tpaccija sar fil-15 ta' Novembru 2000 u saru jafu bl-investigazzjoni xi xahar wara. Apparti din ta' l-investigazzjoni m'hemm l-ebda raguni ghax ma nqatghatx minn Vassallo. Imbaghad fl-20 ta' Settembru 2001 ircevew ittra minghand l-avukat ta' Paul Attard fejn qed ighidilhom li l-flus huma dovuti lilu.

Illi in kontro-ezami qal illi l-ftehim kien li jsir avvanz li ghandu jithallas minghajr interessi. Hu ma jafx min ghamel ir-rapport lill-pulizija. L-investigazzjonijiet tal-pulizija ilhom madwar sentejn.

Illi l-**Ispettur Vassallo** xehed li kien ircieva nformazzjoni li l-vettura Ford Escort (GAD – 729) kienet giet rappurtata misruqa. Fic-cirkostanzi tas-serqa taghha kien hemm suspett ta' frodi u nvestigaw il-kaz. Kien kellem lil Attard. M'hemm l-ebda zviluppi fil-kaz. Dan jista' jfisser pero' li l-kaz ghadu miftuh.

Illi **Antoine Vassallo** xehed li ma kienx hemm ftehim ghall-interessi fuq l-ammont. Fix-xhieda tieghu spjega x'gara u li kien sar ftehim ghat-tpaccija. In kontro-ezami qabel li Rausi Insurance Agency Ltd. kienet avvanzatlu l-flus qabel ma' l-*"claim"* kienet giet processata ghalkemm ma kienx jaf jekk din m'hijex il-procedura normali jew le. Fuq domanda tal-Qorti qal li hu qatt ma rcieva xejn minghand Attard ghalkemm ghandu zewg sentenzi kontrih.

Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz odjern huma s-segwent:- is-socjeta' attrici harrket lill-konvenut ghas-somma ta'

Lm7,500 ghal self ta' flus fl-14 ta' Awissu 1998 u fit-23 ta' Dicembru 1998. Illi l-konvenut hallas l-ammont ta' Lm5,500 lis-socjeta' attrici biex b'hekk is-socjeta' attrici rriduciet it-talba ghall-ammont ta' Lm2,200. Il-konvenut qed jikkontesta dan l-ammont pretiz *stante* li qed isostni li dan l-ammont gie pacut ma' l-ammont ta' Lm2,200 dovuta mis-socjeta' attrici lil Paul Attard li min-naha tieghu awtorizza (a fol.11 tal-process) lill-istess Rausi Insurance Agency Ltd. biex thallas dan l-ammont lill-konvenut Vassallo.

Illi mix-xhieda rrizulta li l-konvenut Vassallo kellu jaghti l-ammont ta' Lm7,500 lis-socjeta' attrici. Huwa hallas l-ammont ta' Lm5,300 u b'hekk fadal l-ammont ta' Lm2,200 li huwa l-mertu tal-kawza odjerna. Illi l-konvenut Antoine Vassallo kien biegh karozza lil certu Paul Attard b'kuntratt ta' *hire-purchase*. Illi din il-karozza nsterqet. Paul Attard, li kien inxurjat *fully comprehensive* mas-socjeta' attrici, ghamel il-*"claim"* tieghu biex ovvjament jithallas. Minhabba li hu ma kienx ghadu hallas il-karozza huwa wasal ghall-ftehim datat 15 ta' Novembru 2000 mas-socjeta' attrici fejn awtorizzaha *"to pay in full and final settlement of my claim no M000110 in respect of stolen vehicle GAD 729 for Lm2,200 to Mr Antoine Vassallo of Antoine, Auto dealer, Rabat but solely upon receipt of Regulation 25 clearing all my debts in respect of this vehicle".*

Illi rrizulta li l-konvenut Vassallo precedentement ghall-kaz odjern, fuq kwistjoni totalment differenti, Rausi Insurance Services Ltd kienu avvanzawlu s-somma ta' Lm5,000 fir-rigward ta' Peugeot Turbo no. SPI – 111. Imbaghad fl-eventwalita' li din il-karozza tinbiegh (dejjem bil-kunsens tas-socjeta' attrici ) is-sid ried jirrifondi lura s-somma ta' Lm5,000. Dan il-ftehim sar fl-14 ta' Awissu 1998.

Illi jirrizulta li mbaghad kien hemm ammont iehor datat 23 ta' Dicembru 1998 fejn il-konvenut thallas l-ammont ta' Lm2,500 (Dok "JR I" a fol. 5 tal-process) minghand is-socjeta' attrici, li *per se* ma huwiex kontestat mill-konvenut innifsu hlief li qed isostni li ma kienx self. Jekk wiehed jara d-dicitura biss tad-Dok "JR1" ma jirrizultax li kellha

ssir rifuzjoni tal-istess ammont, izda mix-xhieda kollha tal-partijiet fil-kawza u mid-dokumenti kollha l-ohra esebiti jirrizulta li il-ftehim bejn il-partijiet odjerni kien biss fis-sens li tali ammont ukoll kellu jigi mhallas lura lis-socjeta' attrici mill-konvenut ghaliex ineffetti kien jikkostitwixxi self u kellu jorbot ma' dak li kien miftiehem fl-14 ta' Awissu 1998.

Illi dan johrog car mill-fatt li l-istess konvenut fl-istess kawza, u apparti l-eccezzjonijiet tieghu fuq indikati, dejjem sostna li tali ammont gie pacut permezz ta' ftehim li gie registrat mis-socjeta' attrici nnfisha fl-10 ta' Frar 2001. Fil-fatt fl-istess ittra mikluba mis-socjeta' attrici lill-konvenut, jidher li hija qed tikkonferma li hija waslet f'arrangament mieghu sabiex l-ammont ta' flus dovuti mis-socjeta' attrici fuq il-*claim* ta' Paul Attard jigu kreditati mill-istess socjeta' ghad-debitu li l-konvenut kellu mal-istess socjeta' attrici, li huwa l-mertu tal-kawza odjerna. B'hekk minn dan kollu jidher li l-istess konvenut accetta li huwa ghandu jhallas l-istess ammont ta' Lm2,200 lis-socjeta' attrici, *stante* li kieku ma huwiex qed jecceppixxi din it-tpacija, aktar u aktar wara l-pagament li ghamel fil-mori tal-kawza, u li minhabba dan l-ammont rikjest mis-socjeta' attrici gie ridott proprju ghas-somma ta' Lm2,200 permezz ta' nota datata 13 ta' Novembru 2001.

Illi mhux hekk biss izda kien l-konvenut innifsu li qabel ma pprezenta l-eccezzjonijiet tieghu f'din il-kawza, ipprezenta nota datata 25 ta' Gunju 2001, fejn *tramite* l-avukat tieghu Dr. John Buttigieg iddikjara li l-ammont pretiz ta' Lm2,200 *"gie pacut ma' l-ammont ta' Lm2,200 dovuta mis-socjeta' attrici lil Paul Attard u dan kif jirrizulta mid-dokumenti "A1", "A2" u "A3" esebiti ma' dan l-att".*

Illi dan apparti li permezz ta' skrittura datata 15 ta' Novembru 2000 (fol.11) jirrizulta li dan Paul Attard, fil-prezenza ta' John Sultana, *credit controller* tal-konvenut, kien ta' l-kunsens tieghu sabiex il-kreditu dovut mis-socjeta' attrici fuq l-*claim* tieghu, kellu jigi mhallas lill-konvenut direttament, u dan ghaliex huwa min-naha tieghu kellu jaghti l-istess ammont lill-konvenut. Dan ifisser, u din hija fil-verita' t-tezi tal-konvenut f'din il-kawza, li l-konvenut accetta li kellu jaghti lis-socjeta' attrici wkoll l-

ammont ta' Lm2,200, pero' qed isostni li dak l-ammont gie pacut mal-kreditu dovut lilu minn Paul Attard, b'dan li l-ammont li kellu jiehu l-istess Paul Attard minghand is-socjeta' attrici kellu minflok jithallas lilu, u huwa min-naha tieghu accetta li dan il-hlas ma jsirx izda jigi kreditat il-kont tieghu mas-socjeta' attrici, b'tali mod li l-kreditu odjern jigi ghalhekk pacut. Illi huwa ghalhekk ovvju li tali difiza ta' tpacija ma tistax treggi mal-eccezzjoni li l-ammont rikjest mis-socjeta' attrici mhux dovut ghaliex ma sarx self, *stante* li tali eccezzjoni ta' tpacija hija kontradittorja ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenut, anzi telimina ghal kollox.

Illi hawn tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza **"Marianna Spiteri *et vs.* Joseph Vella"** (P.A. (A.J.M.) 3 ta' Mejju 1993 – Vol. LXXVII.iii.128) fejn inghad illi *"minn dan nara li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kreditur".* (**"Donald Orr *nomine vs.* Edward Gingell Littlejohn *et"*** - A.K. (C.S.) 18 ta'Gunju 1984 – LXVIII.ii.297; **"Stefan Zrinzo Azzopardi *nomine vs.* Michael Vella *nomine"*** – K. (A.M. 24 ta' Frar 1995 – LXXIX.iv.1371; **"MacPherson Mediterranean Limited vs J. Lautier Company Limited"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002). Illi ghalhekk jidher li t-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija nkompatibbli mal-ewwel eccezzjoni tieghu stess ta' tpacija.

Illi dwar il-ftehim milhuq bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut kif indikat mid-dokumenti fuq riferiti jidher li s-socjeta' konvenuta qed isostni li t-tpacija ma sehhitx ghaliex qed tghid li sussegwentement Paul Attard qed jikkontesta li s-socjeta' attrici ghandha thallas lil Vassallo u anke tramite ittra datata 20 ta' Settembru 2001 (Dok. "JR 2") mid-difensur ta' Paul Attard esebita a fol. 25 tal-process. Qed isostni wkoll li hija ma hijiex obbligata li thallas peress li l-*claim* ghada qed tigi processata peress li kien hemm investigazzjoni mill-pulizija dwar allegazzjoni ta' frodi fuq l-istess *claim.*

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti dawn il-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici jinjoraw il-fatt li effettivament Paul Attard

iffirma l-iskrittura a fol.11 tal-process datata 15 ta' Novembru 2000, liema dikjarazzjoni ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi qatt ma giet irtirata mill-istess Paul Attard, lanqas bl-istess ittra tal-konsulent legali tieghu. Dan apparti li s-socjeta' attrici ma rceviet l-ebda att gudizzjarju lanqas minghand Paul Attard sabiex hija ma thallasx lill-konvenut. Jidher ukoll li l-istess dikjarazzjoni ta' Paul Attard giet accettata mis-socjeta' attrici kemm fl-istess ftehim li ghalih rapprezentanti taghha kienu prezenti, u kemm bl-ittra taghha stess datata 10 ta' Frar 2001, fejn hemm riferenza cara ghall-istess karozza ta' Paul Attard – Ford Escort GAD – 729 u allura riferenza ghall-fatt li tali kreditu tas-socjeta' attrici pagabbli lil Paul Attard, kellu jintuza sabiex jigi pacut l-ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici bil-mod kif fuq spjegat tant li tat struzzjonijiet lill-konvenut sabiex din l-operazzjoni tavvera ruhha, li jidher li l-konvenut adempixxa ruhu maghom.

Illi minn dan kollu jirrizulta ghalhekk li s-socjeta' attrici u l-konvenut waslu fi ftehim li imbaghad gie redatt u mibghut mis-socjeta' attrici lill-konvenut (datat 10 ta' Frar 2001) li kien se jkun hemm tpacija ta' dan l-ammont dovut mis-socjeta' attrici lill-konvenut (in vista tad-dikjarazzjoni tal-istess Paul Attard) *verso* l-ammont li l-istess konvenut kellu jaghti lis-socjeta' attrici.

Illi dwar it-tieni lanjanza tas-socjeta' attrici ghal l-istess ftehim, hija fis-sens li xi xahar wara dan il-ftehim is-socjeta' attrici saret allegatament taf li kien hemm xi nvestigazzjoni ghaddejja dwar is-serqa tal-karozza ghax raw li kien hemm cirkostanzi mhux cari. Hija ssostni li l-pulizija fil-fatt kellmet biss lil Attard b'dan li kif saret taf b'dan is-socjeta' attrici ddecidiet li ma tissodisfax il-*"claim'* sakemm l-investigazzjoni tinghalaq. Illi dwar dan xehed l-Ispettur Paul Vassallo li apparti li huwa kellem lil Paul Attard ma rrizultax li kien hemm xi zviluppi fuq dan l-istess kaz.

Illi wara li inghad dan kollu din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li effettivament l-ammont ta' Lm2,200 mhux dovut mill-konvenut ghax effettivament gie pacut kif spjegat mill-ittra tas-socjeta' attrici stess lill-konvenut

datata 10 ta’ Frar 2001, fejn hija ddikjarat li hija taccetta l-proposta tal-konvenut, li dak minnha dovut lill-Paul Attard, kellu jigi akkreditat lill-konvenut in sodisfazzjoni tal-hlas tad-debitu li huwa kellu mas-socjeta’ attrici fl-istess ammont, u dan il-ftehim huwa kopert ukoll bl-awtorizzazzjoni minn Paul Attard datata 15 ta' Novembru 2000. Fil-fatt id-dokument (Dok. “JB” a fol. 29 tal-process) li jindika l-ftehim li sar bejn il-partijiet fil-kawza gie ffirmat minn Jovin Rausi stess u b’hekk huwa vinkolanti ghas-socjeta’ attrici.

Illi dwar l-allegati investigazzjonijiet mill-pulizija dawn jidher li ma’ waslu mkien u jidher car li qatt ma kien hemm zviluppi dwar l-istess tant li ma jidhirx li l-pulizija llum qed isegwi l-istess kaz, tant li l-Ispettur Paul Vassallo, sostna li l-kaz ma ghadhux f’idejh, u ma ta l-ebda ndikazzjoni li l-kaz jinsab attivament sewgiet minn xi ufficjal iehor, u dwar dan l-istess socjeta’ attrici ma gabet ebda prova ulterjuri. Illi dab ifisser li bhala fatt l-ftehim ta’ tpacija milhuq mal-konvenut ghadu vigenti u bl-ebda mod ma thassar, u ghalhekk ghandu japplika *in pien*.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar l-ammont ta’ sorte kif ridott fl-ammont ta’ Lm2,200, **tichad it-talba attrici kif ridotta ghas-somma ta’ Lm2,200** bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet indikati f’din is-sentenza

Illi *stante* l-pagament *in parte* tas-sorte mill-konvenut fil-mori tal-kawza l-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**19 ta’ Novembru 2002.**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**19 ta' Novembru 2002.**